IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.4.2018
COM(2018) 227 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2018

LI JDAĦĦAL IS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2017

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 18(3) u 41 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, kif adottat fit-30 ta' Novembru 2017[2],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018[3], adottat fit-22 ta' Frar 2018,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk qed tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2018.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[2]. ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.
[3] COM(2018) 155

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2/2018 huwa maħsub li jdaħħal is-surplus li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena 2017 fil-baġit tal-2018. Kif previst fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], is-surplus huwa l-uniku objettiv ta' dan l-ABE u għandu jiġi ppreżenat fi żmien 15-il jum wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji fl-aħħar ta' Marzu 2018.

1. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2017 turi surplus ta' EUR 555 542 325, li huwa għalhekk imdaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2018..

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2017	
Surplus tad-Dħul	**338 578 242**
Surplus tan-Nefqa	**216 964 083**
Surplus totali	**555 542 325**

2. L-ibbaġitjar tas-surplus se jnaqqas kif xieraq il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-baġit tal-UE tal-2018. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri se jkunu influwenzati wkoll mill-previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji (Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING)) inkluż l-ammont aġġornat tal-korrezzjoni tar-Renju Unit li se jkun disponibbli wara l-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji f'Mejju 2017 u se jiġi inkluż fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju sussegwenti.

3. It-tabella hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu tal-2017 f'termini tal-implimentazzjoni tad-dħul:

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2017	**Baġit (inkluż AB1-6)**	**Eżitu**	**Varjazzjoni**
Subtotal tad-Dħul	**126 770 711 153**	**127 109 289 395**	**338 578 242**
— Titolu 1 - Riżorsi proprji	115 483 788 464	115 415 936 798	-67 851 666
Imposti u dazji oħra fis-settur taz-zokkor	*133 300 000*	*133 705 778*	*405 778*
Dazji doganali	*20 374 000 000*	*20 325 353 382*	*-48 646 618*
Riżorsi proprji ġejjin mill-VAT	*16 620 148 350*	*16 584 027 142*	*-36 121 208*
Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING	*78 356 340 114*	*78 279 403 346*	*-76 936 768*
Korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit mogħtija lir-Renju Unit	*0*	*93 838 118*	*93 838 118*
Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING mogħtija lil xi Stati Membri	*0*	*-390 968*	*-390 968*
— Titolu 3 - Surpluses, bilanċi u aġġustamenti	6 404 529 791	6 416 271 649	11 741 858
— Titolu 4 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjonijiet	1 490 262 072	1 485 257 588	-5 004 484
— Titolu 5 - Operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet	70 200 866	26 114 195	-44 086 671
— Titolu 6 - Rifużjonijiet konnessi ma' ftehimiet u programmi tal-Unjoni	60 000 000	157 090 216	97 090 216
— Titolu 7 - Mgħax ta' inadempjenza u multi	3 230 000 000	3 572 609 579	342 609 579
— Titolu 8 - Operazzjonijiet ta' self u tislif	6 928 960	28 396 476	21 467 516
— Titolu 9 - Mixxellanji	25 001 000	7 612 894	-17 388 106

4. Id-differenzi fit-Titolu 1 (*Riżorsi Proprji*) jirrappreżentaw 0,06 % tal-previżjoni. Huma jikkonsistu fi dħul aktar baxx ta' EUR 48 miljun mir-riżorsi proprji tradizzjonali (inġabar 99,8 % tal-previżjoni) u ta' EUR 20 miljun minħabba fluttwazzjonijiet fir-rata tal-kambju (peress li r-riżorsi proprji jitħallsu fil-munita nazzjonali iżda huma bbaġitjati u kkontabilizzati

[4] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

f'EUR). Fit-Titolu 3 *(Surpluses, bilanċi u aġġustamenti)*, marbutin mal-aġġustamenti tar-riżorsi proprji, id-differenza hija limitata għal EUR 11-il miljun.

5. L-akbar differenza (EUR 343 miljun) tinsab fit-Titolu 7 *(Imgħax ta' inadempjenza u multi).* L-eżitu huwa magħmul minn EUR 3 273 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni u EUR 300 miljun marbuta mal-imgħax ta' inadempjenza, pagamenti ta' penali oħrajn u multi u imgħax marbutin ma' multi u pagamenti ta' penali.

6. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta t-tqassim tal-eżitu tal-2017 f'termini tal-implimentazzjoni tal-baġit dwar in-nefqa, għall-Istituzzjonijiet kollha:

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2017	Baġit (inkluż AB1-6)	Eżitu	Varjazzjoni
Subtotal tan-Nefqa	**126 770 711 153**	**126 553 747 069**	**-216 964 083**
Approprjazzjonijiet tal-eżitu awtorizzati fil-baġit	**126 770 711 153**	**126 486 573 860**	**-284 137 292**
— Il-Kummissjoni Ewropea	122 849 648 693	122 648 159 028	-201 489 665
Intestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi	*20 064 937 314*	*20 053 126 487*	*-11 810 827*
Intestatura 1b - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*29 775 078 105*	*29 766 215 736*	*-8 862 370*
Intestatura 2 - Tkabbir sostenibbli: Riżorsi naturali	*54 467 015 484*	*54 450 165 619*	*-16 849 864*
Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza	*2 793 205 540*	*2 782 591 803*	*-10 613 736*
Intestatura 4 - Ewropa Globali	*8 937 589 174*	*8 925 596 636*	*-11 992 537*
Intestatura 5 - Amministrazzjoni	*5 471 071 063*	*5 428 991 135*	*-42 079 928*
Strumenti speċjali oħra	*1 340 752 013*	*1 241 471 611*	*-99 280 402*
— Istituzzjonijiet Oħrajn	3 921 062 460	3 838 414 833	-82 647 627
Il-Parlament Ewropew	*1 909 590 000*	*1 889 574 057*	*-20 015 943*
Il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew	*561 576 000*	*517 762 473*	*-43 813 527*
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	*399 344 000*	*394 095 585*	*-5 248 415*
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	*141 240 000*	*138 039 689*	*-3 200 311*
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	*133 807 338*	*129 096 473*	*-4 710 865*
Il-Kumitat tar-Reġjuni	*93 294 946*	*91 463 960*	*-1 830 986*
L-Ombudsman Ewropew	*10 905 441*	*10 241 301*	*-664 140*
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	*11 324 735*	*10 075 534*	*-1 249 201*
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	*659 980 000*	*658 065 760*	*-1 914 240*
Kanċellament ta' approprjazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti	**0**	**-99 258 260**	**-99 258 260**
— Il-Kummissjoni Ewropea	0	-53 513 927	-53 513 927
— Istituzzjonijiet Oħrajn	0	-45 744 333	-45 744 333
Varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju fuq in-nefqa	**0**	**166 431 469**	**166 431 469**

7. L-implimentazzjoni mill-Kummissjoni laħqet 99,9 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati. L-ammont mhux implimentat kien ta' EUR 201 miljun, li EUR 99 miljun minnhom huma mir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza.

8. In-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-istituzzjonijiet oħrajn ta' EUR 83 miljun kienet inqas minn dik fis-sentejn li għaddew (EUR 103 miljun fl-2016 u EUR 94 miljun fl-2015).